# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 321/2020 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**FS**

**Vs**

**EF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' FS, datat 22 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kien izzewweg lill-intimata nhar l-14 ta' Mejju, 1988 u dana kif jirrizulta mic-certikat taz-zwieg taghhom, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u immarkata bhala "Dokument FS1";*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, JS, nhar X u illi ghalhekk illum hija maggorenni;*

3. *Illi l-kontendenti isseparaw b'kuntratt ta' nhar is-16 ta' Mejju, 2013 fl-*atti *tan-Nutar Reuben Debono, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u immarkata bhala "Dokument FS2";*

4. *Illi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi senjatament l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jirrileva illi:*

*(i) Il-kontendenti ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba' (4) snin matul il-hames (5) snin li ghaddew;*
*(ii) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*
*(iii) Ma hemmx manteniment dovut bejn il-kontendenti;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn l-esponenti u l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ikkuntrattat bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2021, l-intimata assistita mill-avukat difensur taghha, iddikjarat illi ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 26);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EF** xehdet (vide affidavit a fol 28) illi hija notifikata bit-talba ghad-divorzju maghmula minn

zewgha S u ddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghal din it-talba. Ikkonfermat illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2013 u ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni. Sostniet ukoll li ma hemmx manteniment dovut lilha nnifisha jew lejn binthom li llum hija maggorenni.

**FS** xehed (vide affidavit a fol 30) kkonferma u kkollabora dak li xehdet F.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Mejju 1988, liema zwieg jgib c-certifikat numru 658/1988 (vide certifikat taz-zwieg Dok FS1 a fol 4). Di piu', jirrizulta illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum magorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono nhar is-16 ta' Mejju 2013 (vide Dok.FS2 fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Il-kontendenti kkonfermaw ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 658/1988 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**